MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 478/2006

**Maltacom Plc (C 22334) u b'digriet ta' nhar l-10 ta' Dicembru 2007 isem is-socjeta attrici gie mibdul minn Maltacom Plc ghal GO Plc (C22334)**

**vs**

**Julius Xuereb (ID 507244 M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mija u wiehed liri Maltin u sebgha u erbghin centezmi (Lm 101.47), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Maltacom Plc in konnessjoni mas-servizzi telefonici li jgibu n-numri 21650450 skond dokumenti annessi mat-talba.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ighaddi ghal hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet  legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenut fejn gie sollevat illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici, stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont m'huwa dovut mill-eccipjenti tas-socjeta' attrici.

Illi diversi snin ilu, l-eccipjenti kien informa lis-socjeta' attrici illi hu ma kienx ser jehtieg aktar is-servizz ipprovdut mis-socjeta' stante illi hu kien ser jistabilixxi r-residenza tieghu barra minn Malta u fil-fatt issottometta applikazzjoni f'dan is-sens. Illi ghalhekk l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici mhux dovut u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Ra x-xhieda dokumentali pprezentata fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici.

Ikkunsidra.

Ra illi saru erba' seduti ghal din il-kawza u li l-konvenut qatt ma deher. Ra illi zewg seduti minnhom gew imhollija ghal provi tal-konvenut izda ghazel illi ma jidhirx.

Illi skond ix-xhieda tas-socjeta' attrici giet ikkonfermata it-talba u li din ghada dovuta fl-istess ammont. Ix-xhud iddikjara illi ma kien hemm ebda talba jew rikjesta sabiex dan is-servizz jinqata'.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma deherx ghas-seduti kollha li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenut naqas li jidher anki llum u ghalhekk ha jkollu joqghod fuq il-provi migjuba quddiemu u jidher illi dawn ma gewx ikkontestati.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------